**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 179/2015 AGV.**

**ABC (ID 511980M)**
**Vs**
**DB (ID 370180M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC datat 5 ta' Awwissu 2015, fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Ottubru 2004, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A;
2. Illi l-hajja konjugali giet reza impossibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid , vjolenza morali, u anke fizika, kommessi da parti tal-konvenut u kif ukoll minhabba inkompatibbilita' tal-attur.

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal cioe' E ta' 8 snin u F ta' 4 snin u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok B u Dok C);

4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok. D;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1.Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut hawn fuq premess.

2. Takkorda lil-attrici l-kura u kustodja tat-tfal E u F.

3. Tiffissa manteniment pagabbli lil-attrici kemm ghaliha u ghat-tfal minuri imsemmija.

4. Tapplika kontra l-konvenuti s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorendo billi tinnomina Periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv ta' qasma u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja tal-konvenut.

7. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-propjeta' kollha taghha parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' DB datata 5 ta' Ottubru 2015;**

1. Illi preliminarjament l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors promutur tal-attrici huma kollha infondati fil-fatt u dritt u dan kif ser jigi ampjament muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi qed jigi rilevat wara li l-ahhar seduta tal-kawza li insemghet fid-29/9/2015 fuq talba tal-konvenut patrocinat seduta stante. Il-Qorti ddekretat li din il-kawza fl-ismijiet **DB vs ABC bir-rikors guramentat bin-numru 209/2015 AL**, ghandha tigi rikjamata minn quddiem l-istess Qorti diversament preseduta sabiex iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien u dan anke ghall-ekonomija tal-gudizzju.

3. Illi preliminarjament, ukoll il-premessi u motivazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors promutur, tal-attur DB *qua* konvenut, ghandhom jitqiesu bhala parti integrali, minn din ir-risposta u l-provi kollha migjuba f'din il-kawza ghandhom jitqiesu bhala provi ugwalment validi ghal din il-kawza ukoll u dan sabiex jigi evitat d-dupplicita' tal-proceduri u konsum inutili ta' hin ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi minghajr pregudizzju u subordinament ghas-suespost, u ghal kull buon fini u a skans ta' kull ekwivoku qed jigu riprodotti il-premessi u motivazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors promutur bin-numru 205/15

AL in opposizzjoni ghal pretensjonijet kollha tal-attrici, ABC, liema minnhom gew emendati sabiex jirribadixxu ir-rikors promutur tal-attrici.

5. Illi l-kontendenti zzewwgu f' Malta nhar id- 9 ta' Ottubru 2004, fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana.

6. Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, E u F ahwa B, nhar l-10 ta' Mejju 2007, u 2 ta' Marzu 2011 rispettivament.

7. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal dan l-ahhar erba' xhur li matulhom llum l-attrici sawret relazzjoni ma' terza persuna li jismu GH (enfasi tal-esponent) kif ser jigi muri tul il-kors u trattazzjoni ta' din il-kawza u dan bi ksur tal-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili).

8. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet premessi wara ittra ta' medjazzjoni li ggib in-numru 772/2015 gie konkluz stante li l-medjazzjoni ma sehhietx permezz ta' digriet li jgib in-numru 1709/2015 AL moghti minn Onorabbli Qorti ( sezzjoni Familja) nhar it- 13 ta' Lulju 2015, liema digriet awtorizza lill-partijiet sabiex jipprocedu gudizzjarjament u ghalhekk tnediet din il-kawza.

9. Illi l-medjazzjoni ma rnexxietx mhux minhabba xi motivazzjoni imputabbli lill-konvenut u certament mhux minhabba ir-raguni fallaci li stqarret l-attrici fir-rikors promutur taghha.

10. Illi kuntrarjament, ghal dak li ssostniet l-attrici kienet propju ABC li rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli u dan minhabba li ghamlet minn kollox sabiex tirrendi l-hajja ta' bejniethom invivibbli u riedet issib skuza banali sabiex tinfired minn mar-ragel taghha u dan ghaliex hi ridet tinseg relazzjoni mal-persuna surriferita u tikkometti

adulterju u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment unikament kagun tort tal-istess attrici u ghaldaqstant, ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-partijiet.

11. Illi l-koppja B, li kienu sa ftit ilu qabel il-firda, *de facto*, jirrisjedu fid-dar matrimonjali, ta' IC li tigi omm A, u kien ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi u dan ghaliex, kuntrarjament ghal dak li tghid l-attrici, il-mara kienet tkun trid lit-tfal jorqdu f' nofshom u dan kif ser jigi muri fil-kors tal-kawza.

12. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illum il-gurnata t-tfal ma jorqdux ma' ommhom izda man-nanna taghhom fil-waqt li A tkun qed torqod flimkien ma' GH gol-kamra tas-sodda taghha, fi stat ta' konkubinagg ma' din il-persuna u bi ksur tal-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta (Kodici Civili).

13. IIli subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li GH huwa t-tifel ta' JH u dan tal-ahhar ghandu relazzjoni ma' IC (enfasi tal-esponent) omm A. Kemm-il darba I u J kienu mizzewwgin bir-rit Musulman u dan iz-zwieg jew spicca jew xort' ohra, il-koppja ma baqghux flimkien wara li kien sehh attentat fuq il-pudur ta' A mwettaq minn J (enfasi tal-esponent).

14. Illi ta' min izid li JH, kien hedded lil DB, liema theddida kienet waslet sabiex proceduri kriminali ttiehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

15. Illi kuntrarjament , ghal dak li tghid u tistqarr AB, fir-rikors promutur taghha u fix-xhieda guramentata taghha, DB gie konvint jitlaq mid-dar matrimonjali, minn A stess, liema dar kienet id-dar residenzjali tal-kunjata tieghu, bil-pretiza li l-partijiet ikollhom zmien fejn setghu jirriflettu u r-

relazzjoni ta' bejniethom terga' tinbet. Din pero' ma kienx xejn ghajr messa in xena li vvintat l-attrici, B, sabiex tehles mir-ragel taghha minn god-dar ta'ommha sabiex tkun libera tistabbilixxi rapport adulteru hawn fuq imsemmi ma' GH;

16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li AB hi persuna li taf timmanipula n-nies, hija giddieba u persuna qarrieqa u li hija lesta li tghid dak li hi thoss huwa necessarju, sabiex tilhaq l-ghanijiet taghha, anke jekk dan isir bi hsara ta' min huwa qrib taghha.

17. Illi ghalhekk it-tfal qed jtrabbew f' ambjent li hija ta' natura hazina ghat-trobbija taghhom u certament kontra dak li jixtieq u jrid il-missier versu t-tfal tieghu, u dan fl-ahjar interess sopravenjenti taghhom.

18. Illi tant huwa moghni fuq l-interess tat-tfal tieghu, li sahansitra fl-assenza tad-digret ghal kwantum ta' hlas tal-mantenimenti ghal-minuri F u E, DB qed jaghmel hlasijiet regolarment fl-ahhar tax-xahar, li jammontaw ghal mitejn Ewro ghal skop ta' mantenimenti taghhom, eskluz spejjez ta' sahha u edukazzjoni, liema spejjez ghandhom jinqassmu fi kwoti daqs bejn il-partijiet. AB pero', qed tippretendi li DB ghandu jhallas kollox hu.

19. Illi minkejja l-adulterju ta' ABC, huwa palesament ovvju li l-attrici, hija interessata biss sabiex tara x'jirnexxilha takkwista mir-ragel taghha f' dak li jikkoncerna flus. Peress li A, ma tahdimx, ma tantx jidher li trid tahdem, hija mohhha biss biex tara kemm ser tiehu manteniment tat-tfal certament biex din tuzah bhala flus ghaliha u mhux ghall-bzonnnijiet tat-tfal.

20. Illi AB, konsistentement titlob u trid li l-attur ihallas il-bzonnijiet kollha tat-tfal taghhom minghajr ma hi tikkontribwixxi ebda sapport finanzjarju lejhom minkejja li hi persuna li tista' u kapaci tahdem (enfasi tal-esponent).

21. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, ghas-suespost, l-attur ghandu ragunijiet tajbin sabiex jemmen li ABC apparti l-fatt li qed tghix fi stat ta' adulterju quddiem t-tfal taghhom gewwa d-dar ta' ommha u ghalhekk qed jigu esposti ghal ambjent mhux addattat u propizju ghalihom qed ixxejjen lit-tfal kontra il-missier naturali taghhom.

22. Illi ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal dak li ser jintalab aktar 'il quddiem fuq dan ir-rikors, l-attur jemmen li u necessarju li jinhatar Psikologu sabiex E u F, jigu minnu ezaminati, u evalwati sabiex ssir determinazzjoni tal-kundizzjoni psikologika taghhom, u barra minn hekk, li fil- fehma ta' din il-Qorti, ikun jista' jikkonstata l-ambjent li fih qeghdin jitrabbew it-tfal u dan sabiex dina l-Qorti, tkun tista' tiehu dawk il-mizuri kollha ghal protezzjoni taghhom.

23. Illi l-attur, irid li jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri E u F, ghaliex jemmen li jkun fl-interess sopravenjenti taghhom, li jitnehhew mill-ambjent skwallidu li qed jghixu fih.

24. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, ghas-suepost, il-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fi:

a. Appartament li jinsab go Hal-Luqa, li inxtara mil-partijiet, kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku, Toni Abela, kopja ta' liema kuntratt ma kienetx pervenuta sal-prezentata ta' dar-rikors guramentat;

b. Appartament bin-numru 6 Blk 4, Lay Lay Complex, Triq l-Ghassies, Marsaskala, u l-garaxx numru 19, gewwa l-istess binja li nxtara mill-partijiet nhar il- 16 ta' Lulju 2003, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Isabelle Gonzi;

c. Polza ta’ assigurazzjoni mahruga favur il-kontendenti, mill-kumpanija assikuratrici;

d. Kontijiet bankarji f’ isem iz-zewg partijiet;

e. Dejn gravanti l-istess komunjoni tal-akkwisiti mal-banek lokali u kif ukoll ma’ missier l-attur;

24 .Illi l-kura u kustdja tat-tfal minorrenni ma ghandhomx jigu fdati lill-attrici , kif qed tippretendi fir-rikors promutur taghha;

25. Illi ABC qed tippretendi li barra li tithallas manteniment ghat-tfal trid li l-ammont ta’ flus li jigu zbursjati ghas-sahha u edukazzjoni taghhom jigu inkluzi, fl-ammont tal-manteniment fiss fix-xahar. Din il-proposta ma hija xejn acettabbli stante li spejjez ta’ sahha u edukazzjoni, isiru ad hoc, u ghandhom jinqassmu fi kwoti ndaqs bejniethom;

26.Illi l-attrici qed tippretendi li tithallas manteniment ghal petrol, u dawl u ilma. Din il-proposta ma hix accettabbli ghall-konvenut u ma ghandhix tintlaqa’ minn dina l-Qorti, stante li ma giex muri, li ABC, ma hix kapaci tahdem. Dawn l-ispejjez ghandhom jigu ssopportati minnha, senjatament, izda mhux esklussivament- li hi tghix ma’ ommha.

**Il-Qorti rat li DB pprezenta kontro-talba fejn espona bir-rispett u bil-gurament ikkonferma;**

1. Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu li ser jinghad fil-kontro-talba qed tigi prezentata konestwalment flimkien mar-Risposta guramentata ta’ DB ghar-rikors proumtur tal-attrici, li jgib in-numru 179/2015 RM, kienet giet

pprezentata kawza ohra fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 205/2015 AL, li b' digrIet ta' dina l-Onorabbli Qorti, moghtija fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2015 giet rikjamata, quddiem l-istess Qorti, u dana sabiex iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien;

2. Illi l-premessi u l-motivazzjonijiet kollha kontenut fir-rikors promutur tal-konvenuta rikonvenzjonat DB, qeghdin mutatis mutandis, jigu ri prodotti f'din il-kontro-talba u l-provi prodotti f' kull kawza ghandhom jitqiesu validi anka bhala provi validi f' din il-kontro-talba.
3. Illi l-kontendenti zzewwgu f' Malta nhar id- 9 ta' Ottubru 2004, fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana u dana skont l-att taz-zwieg kopja ta' liema att qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. A;

4. Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, E u F ahwa B, nhar l-10 ta' Mejju 2007, u 2 ta' Marzu 2011 rispettivament;

5. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal dal-ahhar erba' xhur u li fihom l-attrici rikonvenzjonat, sawret relazzjoni ma' terza persuna li jismu GH (enfasi tal-esponent) kif ser jigi muri tul il-kors u trattazzjoni ta' din il-kawza u dan bi ksur l-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili);

6. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet premessi wara ittra ta' medjazzjoni li ggib in-numru 772/2015 gie konkluz stante li l-medjazzjoni ma sehhietx permezz ta' digriet li jgib in-numru 1709/2015 AL moghti minn Onorabbli Qorti ( Sezzjoni Familja) nhar it-13 ta' Lulju 2015, liema digriet awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu gudizzjarjament u ghalhekk tnediet dil-kawza;

7. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli u dan minhabba li ghamlet minn kollox sabiex tirrendi il-hajja ta' bejniethom invivibbli u riedet issib skuza banali sabiex tifred minn mar-ragel taghha u dan ghaliex hija riedet tinseg relazzjoni mal-persuna surriferita u tikkometti adulterju u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u unikament kagun tort tal-istess attrici u ghaldaqstant, ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-partijiet;

8. Illi l-koppja b, illi kienu sa ftit ilu qabel il-firda *de facto*, jirrisjedu god-dar ta' abitazzjoni ta' IC, li tigi omm AB, kienu ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi u dan ghaliex il-mara riedet t-tfal jorqdu f'nofshom u dan kif ser jgi muri tul il-kors tal-kawza;

9. Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illum il-gurnata t-tfal ma jorqdux ma' ommhom, izda man-nanna taghhom filwaqt li A tkun qed torqod flimkien ma' GH gol-kamra tas-sodda taghha, fi stat ta' konkubinagg ma' din il-persuna u bi ksur tal-Artikolu 38 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici Civili);

10. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li GH huwa t-tifel ta' JH li tal-ahhar, ghandu relazzjoni ma' IC (enfasi tal-esponent) omm A. Kemm-il darba I u J kienu mizzewwgin bir-rit Musulman u dan iz-zwieg jew spicca jew xort' ohra, il-koppja ma baqghux flimkien wara li sehh attentat fuq il-pudur ta' A mwettaq minn J ( enfasi tal-esponent);

11. Illi ta' min izid li JH, kien hedded lil DB, liema theddida kienet waslet sabiex proceduri kriminali ttiehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

12. Illi DB gie konvint jitlaq mid-dar matrimonjali, minn A stess, liema dar kienet id-dar residenzjali tal-kunjata tieghu, bil-pretiza li l-partijiet ikollhom zmien fejn setghu jirriflettu u r-relazzjoni ta' bejniethom, terga' tinbet. Din pero' ma kien xejn ghajr messa in xena li vvintat l-attrici, AB, sabiex tehles mir-ragel taghha, minn god-dar ta'ommha sabiex tkun libera tistabbilixxi rapport adulteru hawn fuq imsemmi ma' GH;

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, jigi rilevat li AB hi persuna li taf timmanipula n-nies, hija giddieba u persuna qarrieqa u li hija lesta li tghid dak li hi thoss huwa necessarju, sabiex tilhaq l-ghanijiet taghha anke jekk dan isir bi hsara ta' min huwa qrib taghha;

14. Illi ghalhekk it-tfal qed jitrabbew f' ambjent li hija ta' natura hazina ghat-trobbija taghhom, u certament kontra dak li jixtieq u jrid il-missier versu t-tfal tieghu, u dan fl-ahjar interess sopravenjenti taghhom;

15. Illi tant huwa moghni fuq l-interessi tat-tfal tieghu, li sahansitra fl-assenza tad-digriet ghal kwantum ta' hlas tal-mantenimenti ghall-minuri F u E, DB, qed jaghmel hlasijiet regloramet fl-ahhar tax-xahar, li jammontaw ghal mitejn Ewro ghal skop ta' mantenimenti taghhom, eskluz spejjez ta' sahha u edukazzjoni, liema spejjez ghandhom jinqassmu fi kwoti daqs bejn il-partijiet. AB pero', tippretendi li DB ghandu jhallas kollox hu.

16. Illi minkejja l-adulterju ta' ABC, huwa palesment ovvju li l-attrici rikonvenzjonata hija interessata biss sabiex tara x' jirnexxilha takkwista mir-ragel taghha f' dak li jikkoncerna flus. Peress li A, ma tahdimx, ma tantx jidher li trid tahdem, hija mohhha biss biex tara kemm ser tiehu manteniment tat-tfal certament biex din tuzah bhala flus ghaliha u mhux ghall-bzonnijiet tat-tfal;

17. Illi AB, konsistementement titlob u trid li l-attur ihallas il-bzonnijiet kollha tat-tfal taghhom minghajr ma hi tikkontribwixxi ebda sapport finanzjarju, lejhom minkejja li hi persuna li tista' u kapaci tahdem ( enfasi tal-esponent).

18. Illi subordinatament u minghajr pregudzizzju, ghas-suespost, l-attur ghandu ragunijiet tajbin sabiex jemmen li ABC, apparti l-fatt li qed tghix fi stat ta' adulterju quddiem t-tfal taghhom gewwa id-dar ta' ommha u ghalhekk qed jigu esposti ghal ambjent mhux addattat u propizju ghalihom qed ixxejjen lit-tfal kontra il-missier naturali taghhom;

19. Illi ghalhekk, minghajr pregudizzju ghal dak li ser jintalab aktar 'il quddiem fuq dan ir-rikors, l-attur jemmen li u necessarju li jinhatar Psikologu tat-tfal, E u F, jigu minnu ezaminati u evalwati sabiex ssir determinazzjoni tal-kundizzjoni psikologika taghhom, u barra minn hekk, ta' kwalsijasi espert iehor li fil-kundizzjoni psikologika taghhom u barra minn hekk, ta' kwasijasi espert iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti, ikun jista' jikkonstata l-ambjent li fih qeghdin jitrabbew it-tfal u dan sabiex dina l-Qorti, tkun tista' tiehu dawk il-mizuri kollha ghal protezzjoni taghhom;

20. Illi l-attur, irid li jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri E u F ghaliex jemmen li jkun fl-interess sopravenjenti taghhom, li jitnehhew mil-ambjent skwallidu li qed jghixu fih;

21. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suepost, il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fi:

   a. Appartament li jinsab go Hal-Luqa, li inxtara mil-partijiet b' kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku, Toni Abela, kopja ta' liema kuntratt ma kienetx pervenuta sal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat;

b. Appartmament bin-numru 6 Blk 4, Lay Lay Complex, Triq l-Ghassies, Marsaskala, u l-garaxx numru 19, gewwa l-istess binja li inxtrat mill-partijiet nhar il- 16 ta' Lulju 2003, permezz ta' kuntratt in atti tan-nutar Isabelle Gonzi;

c. polza ta' assigurazzjoni mahruga favur l-kontendenti mil-kumpanija assikuratrici;

d. Kontijiet bankarji f' isem iz-zewg partijiet;

e. Dejn gravanti l-istess komunjoni tal-akkwisti, mal-banek lokali u kif ukoll ma' missier l-attur;

**<u>TALBIET</u>**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi, ghal ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenuta, peress li z-zwieg tkisser irrimedjabilment u rrevokabilment u dan a tenur tal-artikolu 38 et seq tal-Kap. 16 (Kodici Civili) tal-Ligjiet ta' Malta okkorendo billi tisma' ukoll it-tfal tal-kontendenti, bl-assistenza ta' perit psikologu tat-tfal.

2. Tapplika l-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta u favur l-attur; u konsegwentament tiddikjara illi l-konvenuta tilfet l-jeddijiet imsemmijin fl-artikolu 631 u 663 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu li kienet kisbet b' donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b' titolu iehor, gratuwitu minghand l-attur, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilu u tiddikjara inoltre illi l-konvenuta, tilfet ukoll kull jedd ghan-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti

illi saru dal-ahhar bil-hidma tal-attur wara id-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, bhala d-data meta l-konvenuta rrendiet ruha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attur, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontibuti b' kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3 tal-Kodici Civili;

3. Minghajr pregudizzju u sub ordinatament ghall-ewwel u it-tieni talba, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b' effett immedjat u tiddikjara xolta u tiddeciedi li l-konvenuta ddekadiet minn sehemha tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tassenja interament favur l-attur;

4. Tordna l-bejgh tal-assjem kollu tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti li ghadu jsir fi zmien qasir u perentorju li joghgobha l-istess Qorti, okkorendo bil-hatra ta' Periti nominandi u konsegwentement;

5. Tordna li d-dejn gravanti il-komunjoni tal-akkwisti jinqata' mir-rikavat tal-bejgh tal-assi, kif mitlub fir-raba' talba, b' rizarciment favur l-attur ghall-ammonti minnu imhallsa ta' dejn kollu matul u wara s-separazzjoni de facto tal-partijiet;

6. Tillikwida manteniment dovuti lill-minuri E u F ahwa B;

7. Konsegwentement ghas-sitt talba, tordna lil-partijiet ihallsu dan il-manteniment fi kwoti indaqs bejniethom u;

8. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-talbiet kollha precedenti tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E u FB tigi fdata lil DB stante li huwa dik il-persuna, fost il-mizzewwgin li ghandu jigi rikonoxxut bhala

l-aktar addattat u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom u / jew alternattivament;

9. Minghajr pregudizzju u subordinatament, ghat-tmien talba taghti dawk il-provvedimenti kollha, opportuni dwar l-access mill-genituri fl-interess sopravenjenti tal-minuri.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' ABC ghall-kontro-talba ta' DB;**

1. Illi l-kontro-talba odjerna hija l-aqwa ezempju ta' abbuz ta' procedura stante li dak kontenut fl-istess kontro talba huwa diga' miktub fil-kawza fl-ismijiet inversi 205/15 AL, u hija sempliciment ripetizzjoni kemm tal-premessi u tat-talbiet. Ta' dan certament li l-esponenti ma ghandhiex tbati spejjez. Jinghad ukoll li din il-kontro-talba giet pprezentata wara li kien diga' nghata digriet tal-konnessjoni ta' dawn iz-zewg kawzi.

2. Illi l-esponenti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet diga' mressqa minnha fil-kawza fl-ismijiet inversi, bin-numru 205/15 AL, liema kawza issa giet rikjamata quddiem din l-Onorabbi Qorti, fejn hemm ir-ragunijiet kollha l-ghala talbiet fir-rikors promutur u issa f' din il-kontro-talba ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici tispjega li kienet iltaqghet mal-konvenut meta kellha xi tmintax-il sena. Wara li zzewwgu kienu bdew il-problemi u dan partikolarment

minhabba li kien hemm mumenti fejn il-konvenut kien aggressiv, kif ukoll minhabba li l-konvenut kien ossessjonat bil-pornografija. Fiz-zwieg kienet kemm il-darba qabditu fuq il-kompjuter u kienet hafritlu. Qabel iz-zwieg kienet ukoll sabet video mohbi qalb il-hwejjeg tieghu. Filwaqt, li tispjega li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu ftit wisq u kien dejjem isib xi skuza.

Tispjega li anke wara li twieled l-ewwel tifel taghhom, iktar beda jsir vjolenti. Kien anke beda jtiha f'rasha bil-ponn u f'wiccha, pero' qatt ma kienet ghamlet rapport. Anke wara li twieled it-tieni wild, F, kien hemm incident fejn kien vjolenti maghha quddiem il-membri tal-familja taghhom. Minn meta bdew il-proceduri ta' separazzjoni, tghid li kienet marret mat-tifel E, l-ghassa biex taghmel rapport kontra l-konvenut li nsista li missieru kien tah bis-sieq. Qabel kienet marret il-polyclinic sabiex jinhareg certifikat mediku u dan kollu gara ghall-habta tal-11 ta' Jannar, 2017.[1]

Dwar il-konvenut tghid li bilkemm iqatta' hin ma' uliedu u in partikolari ma' E m'ghandu ebda tip ta' relazzjoni, ghax kien dejjem ighajjru u kien isawwtu, mentri mat-tifel iz-zghir ma kienx jaghmel hekk. Illum li ghaddejjin bil-proceduri ta' separazzjoni, tghid li hi tkun mat-tfal meta jigu lura mill-iskola ghall-habta tas-2.30 pm.

L-attrici tghid li qabel kienet tahdem bhala kaxxiera go supermarket, izda meta twieled l-ewwel wild, ma komplitx tahdem u r-raguni minhabba li ghandha problemi fin-nervituri u qiedgha fuq medikazzjoni. In kontro-ezami, l-attrici tghid li t-tabib ma kienx taha xi parir biex ma tahdimx, izda hi thoss li idejha ma jtuhix. It-tabib kuranti taghha kienet Dr. S. B. Ruffini.

[1] Ara Dok. CBCC a fol. 353 tal-process.

Tul il-proceduri, tghid li l-konvenut kien hallas biss darba €400 u mbaghad kien hallas €200 ghat-tfal minuri fix-xahar u dan mhux bizzejjed peress li ghandha diversi spejjes xi thallas.

Tikkonferma li l-konvenut jahdem bhala storekeeper ma' Alfred Gera & sons Ltd. u l-paga tieghu kienet ta' cirka €900 fix-xahar u dan minghajr overtime.

Dwar id-dar matrimonjali f'Hal Luqa, l-attrici tikkonferma li din kienet inxtrat fiz-zwieg ghall-valur ta' Lm39,000 u ghad hemm loan pendenti fuq dan l-ammont, ghalkemm meta xtrawha kienu hallsu parti mill-flus li kellhom mgemmghin, u kienu ukoll ghejnuhom il-familja taghha. Biex isir ix-xoghol ta' finishing, l-attrici tghid li kienet harget xi €2,000.

2. Kienu zzewwgu fid-9 ta' Ottubru, 2004 u l-konvenut jaqbel li ghal bidu r-relazzjoni taghhom kienet wahda normali u ma tantx kien ikollhom problemi. Dawn bdew meta kellhom it-tfal, minhabba li l-attrici kienet tevita li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu. L-affarijiet qalbu ghal-aghar meta kienu ddecidew li jbieghu l-post li kellhom Marsaskala u marru jghixu ghand omm l-attrici sakemm il-post li kienu xtraw f'Hal Luqa kien lest. L-attrici ma riditx tghaggel biex jlestu l-post peress li kellhom paga wahda u kienet tippreferi ssiefer darba fis-sena u jghid li dan kien zball kbir. Kienu jsiefru jametti darba fis-sena, izda jametti li kienu jippruvaw isibu vakanzi rhas.

Jispjega li, qabel ma kienu zzewwgu, l-attrici kienet qaltlu li r-ragel ta' omm l-attrici JH kien qed jimmolestaha u kienet qiedgha tibza' minnu. Spicca li minhabba li dan H beda jheddu kien ha passi kontrih. Jistqarr li meta kienu tkellmu ma' omm l-attrici ma kinitx emmnithom u ghamlet

zmien ma tkellimhomx. Izda meta skopriet li H kien ghadu mizzewweg is-Sirja u kellu familja ohra hemmhekk bit-tfal, kienet indunat li l-attrici kienet qed tghid il-verita'. Omm l-attrici kienet imbaghad keccietu 'l barra mid-dar, izda jghid li recentement regghet bdiet idahhlu lura d-dar ghax kien qed jheddidha.

Minn meta bdew ighixu ghand omm l-attrici, ihoss li iktar kienet tbieghded minnu u kienet tippreferi tqatta' l-hin m'ommha milli johorgu bhala familja kif kienu jaghmlu qabel. In kontro-ezami jghid li pprova jikkonvinci lill-attrici biex jikru post sakemm taghhom kien lest, izda ma riditx.

Kien anke tkellem m'ohtha K, biex forsi jirrangaw l-affarijiet, ghax kienet qed takkuzah li kien qed jara materjal pornografiku, li ma jichadx, izda jghid li kienet haga normali ghal ragel u bla ebda mod ma kien ossessjonat. Jichad ukoll li kien wera l-pornografija lit-tifel minuri E, izda darba minnhom kien qieghed go sit biex juri film tat-tfal lit-tifel u mal-gnub dehru r-riklami, fosthom dawk ta' siti pornografici. Ighid li hu ma semma' xejn quddiem it-tifel biex ma jaghtix il-haga importanza, izda dan l-ahhar jahseb li t-tifel semmiha lill-attrici, ghax kien biss issa li qajjmet il-kwistjoni.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici kienet issib kull skuza sabiex titilqu, izda l-akbar problema kienet li fir-realta' hi kellha relazzjoni ma' ragel iehor G, li kien bin H, ir-ragel t'omm l-attrici. Esebixxa diversi ritratti u cd biex juri li Taha kien ikun fl-appartament ta' omm l-attrici u jkun mal-attrici.

Ighid li minhabba l-attrici kienet inbiddlet u kienet qed issir aggressiva u taqbez ghal Taha ddecieda li jitlaqha. Minkejja li kien telaq kienet qed taghtih jifhem li kienu ser jirrangaw u ghalhekk kien qed itiha l-

manteniment fl-ammont ta' €380 fix-xahar u kien hallsilha ukoll il-licenzja u l-insurance tal-karozza.

Jispjega li peress li ghandu paga ta' €900 fix-xahar u kien qed ihallas is-self li kien hemm fuq id-dar fl-ammont ta' €221.25, ma setax ikompli jghaddilha l-ammont ta' cirka €400 fix-xahar u naqashom ghal €200 ghall-minuri. Hu jinsisti li l-attrici ghandha tmur tahdem u taqsam l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Dwar l-incident li sehh quddiem il-familjari taghhom, ighid li l-attrici kienet bilqiedgha fuq is-sufan, imbaghad kienet qamet ghalih u umiljatu quddiem kulhadd. Jametti li gieli kienet taqbizlu, izda jichad li qatt refa' idejh fuq l-attrici. Kien umiljat dakinhar u ghalhekk ghajjat.

3. IC, omm l-attrici tikkonferma li wara li zzewgu l-partijiet kienu jghixu maghha, peress li d-dar li kienu xtraw kien ghadu gebel u saqaf. Tghid li ta' spiss kienu jiggieldu meta kienu jkunu hemm u kemm il-darba kienet issikthom, izda l-konvenut kien ighidilha biex ma tindahalx.
Tikkonferma l-incident fejn il-konvenut kien vjolenti maghha quddiem il-familjari kollha u kienet ghadha kemm welldet it-tieni wild taghhom.

Tghid li l-konvenut kien bniedem ta' ftit kliem u kien hekk anke mal-genituri tieghu stess u kien iqatta' hafna mill-hin tieghu fuq il-kompjuter. Tistqarr li l-attrici kienet fethet qalbha maghha u qaltilha li l-konvenut kien ihobb jara l-pastazati fuq il-kompjuter.

4. KBL, oht l-attrici tiddeskrivi l-gherusija tal-partijiet bhala wahda normali, fejn kienu kuntenti. Kienu jiffrekwentaw lil xulxin hafna, kienu jivvjaggaw flimkien u kienu anke marru Ghawdex. Pero' meta' kellhom l-ewwel

tarbija, l-attrici bdiet tinqata’ minn maghhom u anke gieli offrietilha li tohrogilha t-tfal ma kinitx tkun trid.

Tistqarr li sakemm il-partijiet baqghu jghixu gol-post taghhom f’Marsaskala ma kienx jidher li hemm problemi bejniethom. Il-problemi l-iktar li bdew kienu meta marru jghixu ghand ommha. Kienet wissiet lill-attrici biex tmur tghix fid-dar li kienu xtraw Hal Luqa, izda ghal xi raguni jew ohra, l-attrici ma kinitx semghet minnha.

Tghid li kellha xi daqqiet kwistjonijiet maghhom peress li l-konvenut huwa nar tat-tiben, jitlghalu malajr, izda jinsa’ malajr u kien ighaddi l-gurnata mix-xoghol ghad-dar, jew joqghod fuq il-kompjuter jew gieli jiehu xi ritratti tan-natura u l-insetti. Tichad li bil-karattru tieghu huwa tip vjolenti.

Tispjega li xi sentejn wara li kien miet missierhom, ommhom kienet iltaqghet ma’ certu H u sena wara zzewwgu. Ikkonfermat li dan H kien jimmolesta lill-attrici, li kien ikollha ssakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda taghha. Meta kkonfrontat lil ommha din ma bdietx temminha u spiccaw li l-konvenut u H telghu l-Qorti minhabba li kellhom xi jghidu.

Kienet saret taf minghand ommha li l-partijiet kienu qed jisseparaw u kien ghalhekk li kienet tkellmet mal-attrici biex forsi jirrikonciljaw, izda ma setghetx taghtiha raguni ghalfejn riedet is-separazzjoni. Kienet iltaqghet mal-konvenut li kien qallha li xtaq li jergghu jirrikonciljaw. Ippruvat tlaqqaghhom ghandha izda kien ghalxejn.

Tixhed li saret taf li kien qed ikun hemm certu G d-dar t’ommha li huwa bin H, li kien ir-ragel t’ommha, izda mbaghad annullaw iz-zwieg. Mill-

ewwel indunat li kien hemm xi haga mhux f'lokha u kien ghalhekk li kienet ippruvat tikkonfronta lil ommha u l-attrici, izda hasset li kienu qed jigdbulha u qatghet kull kuntatt maghhom. Meta darba kienet mal-konveut u uliedhu kienet staqsiet lit-tifel minuri tal-partijiet F, jekk kienx qed ikun hemm G ghand in-nanna, dan ikkonferma u hija konvinta li llum dan qieghed f'relazzjoni mal-attrici u li l-vjolenza u l-ossessjoni tal-pornografija huma biss gideb biex twahhal fil-konvenut.

Dwar l-attrici tghid li din kienet nervuza u kollox kif tghid u kienet trid lil ommha maghha l-hin kollu, anke meta hi kienet icemplilha sabiex tmur s' ghandha.  Tghid li l-attrici kellha granet tajbin mal-konvenut u granet hziena u l-iktar peress li kien iqatta' hafna hin fuq il-kompjuter u kienet tispicca taghmel kollox hi.

Tghid li l-attrici hija manipolatrici, izda qatt ma rnexxielha timmanipulaha u ghalhekk kienu jiggieldu hafna. Peress li l-attrici ghandha karattru difficli hafna, tghid li tantx tissaportiha.

5. MB, missier il-konvenut xehed li hu kien sellef is-somma ta' €44,655 lill-partijiet sabiex huma setghu jixtru l-post ta' Hal Luqa. Kienu ghamlu skrittura ta' dan is-self.[2] Xehed ukoll li l-arrangjament kien li jhallsuh bejn €50 u €100 fix-xahar, pero' ma tantx kienu puntwali fil-pagamenti taghhom. Ighid li kienu bdew ihallsuh fil-31 ta' Lulju, 2011 u kienu jiffirmaw biex ikun hemm rendikont tal-hlasijiet li kienu qed isiru. B'kollox xehed li thallas is-somma ta' €2,400 u l-ahhar pagament kien sar fl-4 ta' Dicembru, 2017.  Ighid li baqa' jhallsu l-konvenut u qatt ma rcieva

[2] Ara fol.440 tal-process.

pagamenti minghand l-attrici. Illum ghad fadallu jircievi l-bilanc ta' €42,255. [3]

6. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li kien hemm tlett kontijiet bankarji f'isem l-attrici biss u kien hemm tlieta ohra joint.

**<u>F'isem l-attrici</u>**

1. Kont savings bin-numru 4002351590;[4]
2. Term deposit Account bin-numru 40023531451;[5]
3. Savings Account numru 40023531545.[6]

Dawn il-kontijiet ghadhom kollha miftuhin.

**<u>Kontijiet kongunti</u>**

1. Kien hemm tlett kontijiet savings u llum huma lkoll maghluqin.[7] Rigward il-kont savings bin-numru 40022009256[8] tghid li fit-28 ta' Awissu, ingibed l-ammont ta' €4, 483.57 u dan l-istess ammont gie ddepositat fil-kont term deposit account f'isem l-attrici fl-istess gurnata. Dan il-kont kien "anyone to sign."

5.Audrey Ghigo, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

---

[3] Ara fols. 441- 445 tal-process.
[4] Ara Dok. JB 1 a fol. 105 tal-process.
[5] Ara Dok. JB 2 a fol. 107 tal-process.
[6] Ara Dok. JB 3 a fol. 108 tal-process.
[7] Ara Doks. JB 4 – JB 6 a fol. 109 – 130 tal-process.
[8] Ara fol. 129 tal-process.

**F'isem l-attrici**

1. Savings account fejn kien hemm bilanc ta' €68.08 sat-23 ta' Jannar, 2016[9].

**F'isem il-konvenut**

1.Kont kurrenti u sat-12 ta' Marzu, 2016 kien hemm bilanc ta' 11 cents;[10]

2. Kont savings u sat-13 ta' Jannar, 2016 kien hemm bilanc ta' €44.78 sat-13 ta' Jannar, 2016.[11] Minn dan il-kont qed jithallas il-loan.
3. Credit card visa fejn kien hemm zbilanc ta' €99.06 fil-15 ta' Marzu, 2016.[12]

**Kontijiet kongunti**

1. Loan account bin-numru 14152236 u sal-10 ta' Marzu, 2016 kien hemm zbilanc ta' €48, 822.18.

7. Andrew Degaetano, in rapprezentanza ta' Alfred Gera & Sons Ltd. ikkonferma li l-paga tal-konvenut tammonta ghal €1092. 15 netti[13] u esebixxa l-paga li thallas minn Jannar, 2016 sat-30 ta' Gunju, 2016. L-ammonti jinkludu l-bonuses ukoll.[14]

---

[9] Ara Dok. AG1

[10] Ara Dok. AG2
[11] Ara Dok. AG 3
[12] Ara Dok.AG4
[13] Ara Dok. AD
[14] Ara Dok. AD 1

8. WPC 138 Alexia Grech, kuntistabbli u orderly fl-Ghassa ta’ Hal Luqa, tghid li l-attrici kienet ghamlet rapport l-Ghassa ta’ Hal Luqa u tghid li kienet sorpriza peress li dejjem tafhom bhala familja maghquda. Tghid li qatt ma rathom b’xi daqqiet jew marki u l-istess ghall-attrici. Ir-rapport kien sar fis-7 ta’ Mejju, 2015 ghall-habta tas-1.30 pm u tghid li l-attrici rrapportat lill-konvenut peress li kien ghadu m’accettatx li r-relazzjoni bejniethom kienet spiccat u kien qed icemplilha u jghidilha xi kliem. Kien ghalhekk li kienet baghtet ghall-konvenut u wissitu, izda hu nfurmaha li kien ikkomunika maghha biss biex jara kif inhuma t-tfal.[15]

9. Dr. Sharon Brincat Ruffini, tabiba li sservi go klinika Hal Qormi, tikkonferma li kienet rat lill-attrici f’ Awissu, 2010 meta kienet tqila u kienet tbati minn ugigh ta’ rasijiet u wara li bghatitha ghand specjalista, irrizultalha li kienet qed tbati minn *tension headache*.

   F’ April, 2016 kienet regghet ratha u din id-darba, l-attrici kienet qed tbati minn ugigh f’ghonqha u kien rizultat ta’ nerv iffjammat. Tghid li tkun kapaci tahdem skond is-severita’ tal-ugigh. Meta ratha kienet migugha mhux hazin u tkun qaltilha sabiex tistrieh. Imbaghad ma reggghetx ratha.

   Mis-sintomi li kienet rat, tghid li l-attrici kellha *cervical neuralgia*, u hija kundizzjoni li ma tfieqx minnha, kull tant zmien terga’ tkun migugha. Ma setghetx tiftakar jekk kinitx qaltilha li trid tidra tghix b’din il-kundizzjoni, pero’ ma tahsibx li jkun il-kaz li tieqaf mix-xoghol kompletament, ikun opportun li l-uzu tal-idejn ma jkunx strapazzanti.

[15] Ara Dok. AG. A fol. 341 tal-process.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attrici qed tibbaza s-separazzjoni taghha fuq htija tal-konvenut peress li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, vjolenza morali u anke fizika, filwaqt li l-konvenut, kemm fil-kontro-talba tieghu, kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet inversi **DB vs ABC Rik.Nru. 205/15** jixhed il-htija fuq l-attrici peress li kienet hatja ta' adulterju.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[16]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[17]

Mill-provi taghha, l-attrici ssemmi ftit incidenti fejn il-konvenut kien vjolenti maghha. Darba kien beda jtiha bil-ponn f'rasha, darba ohra ssemmi li kien imbuttaha quddiem il-familjari taghhom, meta kellha lit-tifel iz-zghir f'idejha, fatt ikkontestat mill-konvenut li jirribatti din l-akkuza. Dawn kienu incidenti li setghet isemmi l-attrici f'perjodu ta' hdax-il sena zwieg. Rapporti ma kinux saru, ghax skond il-verzjoni attrici riedet dejjem issalva z-zwieg u kienet tahfirlu. L-unika darba fejn sar rapport, kien wara

---

[16] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[17] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

li kienu nfirdu *de facto* u t-tifel minuri Jerome, qal li waqt li kien ma' missieru dan kien tah daqqa ta' sieq.

Fil-fatt, WPC 138 Alexia Grech, kuntistabbli u orderly fl-Ghassa ta' Hal Luqa, li kienet taf il-koppja ddeskrivithom bhala koppja normali u li kienu jkunu flimkien. Qatt ma taf li rathilhom xi daqqiet jew li kien hemm xi problemi ta' vjolenza u xehdet li kienet sorpriza meta l-attrici marret taghmel rapport li l-konvenut kien qed iheddidha u jdejjaqha ghax ma setax jaccetta li kienu ser jisseparaw.

Ghalkemm oht l-attrici, KBL, kienet taf li l-konvenut kien bniedem nervuz, u "nar tat-tiben" pero' kien ighaddilu malajr u ma setghet qatt timmaginah bhala ragel vjolenti. Kien jirrabbja peress li l-attrici, skond ohtha kienet persuna li kollox kif tghid hi u dominanti u egoista hafna. Kien ghalhekk, li kienet iggieghel lill-konvenut jirrabbja bl-attitudni taghha.

Omm l-attrici, li maghha kienu jghixu l-partijiet ghal xi zmien ma tinnegax li kienet tismaghhom jiggieldu, pero' ma kinitx f'posizzjoni li tindika incidenti partikolari fejn il-konvenut seta' kien vjolenti mal-attrici. Jekk kienu joqoghdu maghha taht l-istess saqaf, zgur kienet xhud ta' xi incident jew tnejn, izda ma semmiet xejn.

Mir-rizultanzi processwali huwa difficli li jintefa' tort fuq il-konvenut minhabba li kien vjolenti. Il-verzjoni attrici hija fjakka u limitata b'episodju 'l hawn u 'l hemm ta' aggressjoni u vjolenza li zgur ma jwasslux biex jissoddisfaw dan l-estrem.

**<u>OSSESSJONI PORNOGRAFIKA</u>**

L-attrici tikkunsidra li l-ossessjoni tal-konvenut bil-pornografija kienet kawza ohra sabiex titlob is-separazzjoni. Mill-provi li ressqet jirrizulta li kienet sabet video pornografiku mohbi qalb il-hwejjeg u dan kien waqt l-gherusija. Tul iz-zwieg, l-attrici xehdet li l-problema tal-pornografija baqqghet ghaliex kemm il-darba qabdet lill-konvenut jarah fuq il-kompjuter. Kien hemm okkazzjoni fejn mill-verzjoni attrici, il-konvenut qatt jara lin-nisa gharwenin quddiem it-tifel Jerome, fatt ikkontestat mill-konvenut li skond hu kien qed ifittex film biex jarah it-tifel u meta nizzel is-sit, mal-gnub kien hemm riklami ta' siti pornografici.

Il-konvenut ma jinnegax li kien gieli jara l-pornografija, li ghalih hija haga naturali li jaghmel kull ragel, izda zgur li ma kellux ossessjoni. Kemm omm l-attrici, kif ukoll oht l-attrici lkoll jikkorroboraw l-verzjoni attrici in kwantu jikkonfermaw li l-konvenut kien iqatta' hafna hin quddiem il-kompjuter. Oht l-attrici addiritura teskludi ghal kollox il-possibilita' li l-konvenut seta' kellu addizzjoni ghall-pornografija.

Il-verzjoni attrici, minhabba li l-konvenut jametti li gieli rah il-pornografija, hija l-aktar wahda kredibbli, izda mhux sal-livell li kienet ossessjoni. S'intendi jekk kien jara dawn il-films jew siti pornografici dawn kienu jissoddisfawh, bil-konsegwenza li ma kienx ihoss il-htiega li jfittex lil martu l-attrici u ghalhekk iwassal li r-relazzjonijiet intimi kienu saru problema fiz-zwieg taghhom u f'dan is-sens kien hemm eccessi kommessi ripetutament da parti tal-konvenut.

**ADULTERJU**

Il-konvenut ihoss li l-attrici sabet skuzi tal-vjolenza u l-pornografija mmirati lejh biex tghatti l-adulterju taghha ma' Taha, bin l-ex ragel ta' omm l-attrici.

Il-konvenut hass li z-zwieg tieghu baqa' sejjer lura minn meta marru jghixu ma' omm l-attrici sakemm il-post taghhom kien lest. L-attrici kienet tqatta' aktar hin m'ommha u kienet tohrog maghha biss, meta qabel kienu jkunu flimkien.

Beda jissuspetta li qiedgha ma' G peress li kien rahom diversi drabi flimkien u anke t-tifel minuri taghhhom kien semma' li G kienu jkun maghhom ghand nannithom. Dan huwa kkonfermat ukoll minn oht l-attrici, li ndunat li ommha u l-attrici kienu qed jahdbulha xi haga meta rat lil G fil-presenza taghhom. Fil-fatt, wara dawn is-suspetti kienet waqqfet kull komunikazzjoni maghhom u tkixxfet l-informazzjoni minghand in-neputi li qal li kien ikun maghhom, jixtrilhom ir-rigali u anke kien jilghab maghhom. Il-konvenut esebixxa cd bir-ritratti li juru l-attrici ma' G. Il-konvenut jirreferi ghax-xhieda tal-attrici fil-kawza ta' annullament fejn ammettiet li jekk ma kienx hemm relazzjoni ghall-bidu ma' G, illum seta' kien hemm, izda madanakollu ma kienx hemm talba sabiex il-provi f'dik il-kawza jigu nseriti f'dawn l-atti u ghalhekk dina l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn il-provi.

L-adulterju jirrikjedi, indizi u prezunzjonijiet gravi sabiex jigi ppruvat bhala wahda mill-estremi ghas-separazzjoni. Konsiderando li r-ragunjiet li ressaq il-konveut ghas-separazzjoni u konsiderando l-mod kif l-atteggjament taghha beda jinbidel, anke meta kienet tibza' minn H, ir-ragel t'ommha ghax qalet li kien jimmolestaha u mbaghad bidlet fehemitha

minhabba G jaghti x'jifhem li l-konvenut irnexxielu jipprova li kien hemm adulterju da parti tal-attrici.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"*… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi **"Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra".** Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "**hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".***  **("Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

## <u>KURA U KUSTODJA</u>

Illi presentement it-tfal qedghin fil-kura u kustodja tal-attrici. Jirrizulta li l-konvenut mhux dejjem isegwi l-access regolarment, minkejja li kien hemm arrangjamenti bejniethom li l-access jigi ezercitat kull nhar ta' Erbgha mill-4 pm sas-6 pm u s-Sibt mill-10 am sas-6 pm jew sahansitra kien jigborhom meta jfettilu.

Jirrizulta mill-provi li l-partijiet mhux qed joggezzjonaw li l-kura u kustodja tkun eskluzziva ghall-attrici, b'dan pero' li l-konvenut ghandu jkollu dritt ta' access versu l-minuri kull nhar ta' Erbgha bejn l-4.00 pm u s-6.00 pm u kull nhar ta' Sibt bejn it- 3.00 pm sas-6.00 pm.

**MANTENIMENT**

Il-konvenut jahdem bhala storekeeper ma' Alfred Gera & Sons Ltd. li jaqla' €1092.15 netti u li minnhom illum qed ihallas manteniment ghall-attrici fis-somma ta' €150 u €250 fix-xahar ghall-minuri. Jirrizulta mill-provi ukoll li qed ihallas il-loan ezistenti fuq il-post ta' Hal Luqa, kif ukoll is-self li kienu hadu minghand missieru biex akkwistaw il-post.

L-attrici da parti taghha kienet tahdem qabel iz-zwieg bhala kaxxiera go supermarket u minn wara li kellha t-tfal kienet waqqfghet tahdem. Illum tghid li mhix f'posizzjoni li tahdem peress li ghandha problemi bin-nervituri ta' ghonqha li jinzel sa darha. L-unika provi li gabet l-attrici in sostenn ta' dan hija t-tabiba Dr. Sharon Brincat Ruffini, li hija general practitioner, hu mhux specialista. Din stqarret li kienet rat lill-attrici u ghalkemm kellha nerv infjammat qatt ma kienet semmiet li mhux tajba biex tahdem in generali u ghal dejjem. Kellha tevita xoghol ta' strapazz ghall-idejha. Ammettiet ukoll li milli rat u ezaminat, mhux ghax kellha xi xrays jew testijiet ohra biex taghmel dijanjozi, l-ugigh seta' jerga' jitfaccja u jerga' jmur.

Ghalhekk hija wisq vaga l-iskuza li tat l-attrici biex hi ma tahdimx. Ghadha zghira fl-eta' b'kull kapacita' li tahdem u anke jekk huwa konsapevoli l-fatt li hi tiddekika l-hin taghha trabbi lil uliedha huwa fatt li t-tfal ikunu l-iskola sas-2.30 pm u ghalhekk ghandha kull opportunita' li tmur tahdem

tal-anqas part-time. Dan mhu se jnaqqas xejn mill-hinijiet taghha ma' uliedha u fl-istess waqt huwa gust li hi tghin ukoll fil-finanzi meta kapaci tahdem u mhux tisfrutta mill-konvenut biss.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jibqa' jhallas il-minuri s-somma ta' €300 fix-xahar, filwaqt li l-attrici ghandha fi zmien sena ssib xoghol part-time u sadanittant il-konvenut ghandu jibqa' jhallas lill-attrici s-somma ta' €150 fix-xahar, sakemm issib impjieg fi zmien sena minn dina s-sentenza.

Dan il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sena skond l-gholi tal-hajja.

L-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqassmu bejn il-partijet,

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

**<u>DAR MATRIMONJALI</u>**

Il-partijiet xtraw il-fond 98B, New Street, Luqa fl-atti tan-Nutar Naomi Micallef Mugliette fis-27 ta' Awissu, 2008 ghall-valur ta' €81, 528.06. Jirrizulta li kienu hadu loan bankarju ghall-akkwist ta' dan il-fond fl-ammont ta' €51, 300 u sal-10 ta' Marzu, 2016 kien hemm bilanc ta' €48, 822.18.

Jirrizulta mill-provi mhux ikkontestati ukoll li kienu ssellfu s-somma ta' €44, 655 minghand Paul Borg, missier il-konvenut skond skrittura ffirmata bejniethom fil-31 ta' Lulju, 2011 u ghal bidu ghamlu ftit pagamenti u llum il-pagamenti qed isiru mill-konvenut u ghad fadal bilanc ta' €42.255.

Hadd mill-konjugi wera xi interess li jzomm din id-dar matrimonjali u ghaldaqstant ikun opportun li din id-dar tinbiegh, wara li jigu nnominati l-periti relattivi sabiex issir valutazzjoni tal-fond, mertu tal-vertenza odjerna, haga li l-partijiet naqsu li jaghmel fil-mori tal-kawza. Mill-prezz imbaghad ghandhom jithallsu l-banek, kif ukoll missier il-konvenut MB u r-rimanenti dejn ghandu jinqasam bejn il-partijiet.

Il-Qorti hija konsapevoli li l-konvenut kien ghamel hafna minn dawn il-pagamenti, imma c-cirkostanzi ma kinux jippermettu mod iehor u ghaldaqstant mhux ser tikkumpensah taghhom, ghajr ghas-somma ta' €4,483.57 li ngibdu mill-attrici mill-kont joint u poggiethom f'kont taghha. Din is-somma ghandha titnaqqas mill-bilanc dovut lill-attrici mill-bejgh tad-dar matrimonjali.

**<u>KONTIJIET BANKARJI</u>**

Il-kontijiet bankarji jirrizultaw bhala l-unici assi li fadlilhom in komun il-partijiet. Tenut kont tal-ammonti zghar li hemm f'dawn il-kontijiet, kulhadd ghandu jibqa' bil-kont tieghu.

**<u>DEKADENZA</u>**

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li hemm limitazzjonijiet finanzjarji, dina l-Qorti thoss li m'ghandhiex tapplika din id-dekadenza.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici, in kwantu l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ eccessi u ingurji gravi, kif ukoll tilqa’ l-ewwel kontro-talba stante li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u d-disa’ kontro-talba u tikkonferma li l-access ghandu jigi ezercitat kif imsemmi aktar ‘l fuq, filwaqt li tichad it-tmien kontro-talba.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u s-sitt kontro-talba u tordna li l-manteniment jithallas skond kif fuq imsemmi.

4. Tichad ir-raba’ talba’, filwaqt li tikkonferma t-tieni kontro-talba.

5. Tilqa’ l-hames talba u it-tielet u r-raba’ kontro-talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imsemmi;

6. Tilqa’ s-sitt talba jekk ikun il-kaz ghall-bejgh tad-dar u tinnomina lill-Perit Godwin Abela kif hawn fuq indikat.

7. Tilqa’ s-seba’ talba sa fejn hu applikabbli.

**Kontro-talba**

1. Tilqa’ t-tieni kontro-talba;
2. Tichad il-hames kontro-talba;
3. Tichad is-seba’ kontro-talba;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**